Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,772, 25 ta' Jannar, 2022
Taqsima B

A.L. 11 tal-2022

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME*
(KAP. 123)

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENT
(KAP. 364)

Regoli tal-2022 li jemendaw ir-Regoli dwar Ħelsein mit-Taxxa fuq l-Income u mit-Taxxa fuq Dokumnti u Trasferimenti fuq Ċerti Trasferimenti ta' Proprjetà

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 12(2) u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* u l-artikolu 22A tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2022 li jemendaw ir-Regoli dwar Ħelsien mit-Taxxa fuq l-Income u mit-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti fuq Ċerti Trasferimenti ta' Proprjetà u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli dwar Ħelsien mit-Taxxa fuq l-Income u mit-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti fuq Ċerti Trasferimenti ta' Proprjetà, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regoli prinċipali".

L.S. 123.203.
L.S. 364.19.

Temenda r-regola 2 tar-regoli prinċipali.

2. Ir-regola 2 tar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "awtorità kompetenti" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Awtorità tal-Ippjanar" tfisser l-Awtorità tal-Ippjanar imwaqqfa taħt l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp;";

Kap. 552.

(b) minnufih wara t-tifsira "taxxa fuq l-income" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "unità trasferibbli" tfisser proprjetà li għandha konfini ta' sjieda identifikati u delineati u tinkludi parti definita tal-arja jew tas-sottoswol;".

Temenda r-regola 3 tar-regoli prinċipali.

3. Ir-regola 3 tar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-proviso għas-subregola (1) tagħha għandu jiġi

sostitwit bil-proviso ġdid li ġej:

"Iżda ma għandux jingħata ħelsien mit-taxxa fuq dokumenti u trasferimenti skont din ir-regola meta t-trasferiment isir lil persuna li teħtieġ permess mill-Ministru għall-finijiet tal-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti jew li kienet teħtieġ tali permess li kieku l-proprjetà akkwistata ma kinitx tinsab f'area msemmija speċjali."; u

Kap. 246.

(b) fis-subregola (2) tagħha, minnufih wara l-kliem "Il-ħelsien imsemmi fis-subregola (1) għandu jingħata biss kemm-il darba" għandhom jiżdiedu l-kliem "l-partijiet kollha intitolati għalih jiddikjaraw li jixtiequ jitolbu l-ħelsien u n-nutar li jippubblika l-att jagħmel nota fl-att ta' dik id-dikjarazzjoni, u kemm-il darba".

Temenda r-regola 4 tar-regoli prinċipali.

4. Ir-regola 4 tar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) is-subregola (1) tagħha għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) minnufih wara l-paragrafu (b) tagħha għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ba) il-partijiet fuq l-att tat-trasferiment jew xi ħadd minnhom jipproduċu pjanta tal-Awtorità tal-Ippjanar b'indikazzjoni tal-konfini tas-sit kif immarkata mill-Awtorità tal-Ippjanar u indikazzjoni mdaħħla minn perit arkitett tad-distanza tal-proprjetà mill-eqreb kantuniera tat-triq;";

(ii) fil-paragrafu (ċ) tagħha, il-kliem "relating the date of the completioni" fil-verżjoni bl-Ingliż għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "relating to the date of the completion" u l-kliem "dik l-evidenza ulterjuri jew alternattiva" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "dawk id-dokumenti u dik l-evidenza ulterjuri jew alternattiva"; u

(iii) fil-paragrafu (d) tagħha, il-kliem "ir-rapporti u d-dokumenti msemmija fil-paragrafu (ċ)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "id-dokumenti u l-evidenza msemmija fil-paragrafi (ba) u (ċ)"; u

(b) minnufih wara s-subregola (1) tagħha għandha tiżdied is-subregola ġdida li ġejja:

"(2) Meta jkun hemm trasferiment li tapplika għalih

din ir-regola, u sussegwentement il-proprjetarju jittrasferixxi parti diviża mill-proprjetà in kwistjoni, dan it-trasferiment tal-aħħar ma għandux jitqies bħala trasferiment li tapplika għalih din ir-regola.".

Temenda r-regola 5 tar-regoli prinċipali

5. Ir-regola 5 tar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) is-subregola (1) tagħha għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) minnufih wara l-paragrafu (a) tagħha għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(aa) il-partijiet fuq l-att tat-trasferiment jew xi ħadd minnhom jipproduċu pjanta tal-Awtorità tal-Ippjanar b'indikazzjoni mdaħħla minn perit arkitett tad-distanza tal-proprjetà mill-eqreb kantuniera tat-triq;";

(ii) fil-paragrafu (b) tagħha, il-kliem "mill-Awtorità tal-Ippjanar imwaqqaf taħt l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp u, jew dik l-evidenza ulterjuri jew alternattiva" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mill-Awtorità tal-Ippjanar u, jew dawk id-dokumenti jew dik l-evidenza ulterjuri jew alternattiva"; u

(iii) fil-paragrafu (ċ) tagħha, il-kliem "fil-paragrafu (b)" għandhom jiġi sostitwiti bil-kliem "fil-paragrafi (aa) u (b)"; u

(b) minnufih wara s-subregola (1) tagħha għandha tiżdied is-subregola ġdida li ġejja:

"(2) Meta jkun hemm trasferiment li tapplika għalih din ir-regola, u sussegwentement il-proprjetarju jittrasferixxi parti diviża mill-proprjetà in kwistjoni, dan it-trasferiment tal-aħħar ma għandux jitqies bħala trasferiment li tapplika għalih din ir-regola.".

Tissostitwixxi r-regola 6 tar-regoli prinċipali.

6. Ir-regola 6 tar-regoli prinċipali għandha tiġi sostitwita bir-regola ġdida li ġejja:

"Telfien tal-ħelsien mit-taxxa fuq l-income u mit-taxxa fuq dokumenti u trasferimenti.

6. (1) Il-ħelsien mit-taxxa fuq l-income u mit-taxxa fuq dokumenti u trasferimenti msemmi fir-regola 3 għandu jkun soġġett għall-kondizzjoni li, f'xi data li tkun wara t-trasferiment, iżda mhux wara d-data meta l-proprjetà terġa' tiġi trasferita *inter vivos* jew *causa mortis*:

(a) il-proprjetà ma tiġix demolita; u

(b) il-proprjetà ma tiġix soġġetta għal alterazzjonijiet strutturali li b'riżultat tagħhom tiġi diviża f'numru ta' unitajiet trasferibbli li jkun iżjed min-numru ta' unitajiet trasferibbli li kienu jikkostitwixxu l-proprjetà fiż-żmien tat-trasferiment; u

(ċ) ma jinħareġ ebda permess mill-Awtorità tal-Ippjanar, fuq applikazzjoni magħmula mill-proprjetarju li jkun ibbenefika mill-imsemmi ħelsien, għad-demolizzjoni tal-proprjetà jew għal xogħlijiet deskritti fil-paragrafu (b); u

(d) ma jsir ebda trasferiment ta' parti diviża ta' dik il-proprjetà.

(2) Jekk il-kondizzjoni msemmija fis-subregola (1) tkun b'xi mod miksura, il-ħelsien imsemmi mit-taxxa fuq l-income u mit-taxxa fuq dokumenti u trasferimenti mogħti b'dawn ir-regoli fuq l-imsemmi trasferiment għandu jintilef u t-total tal-ammont ta' dik it-taxxa fuq l-income u t-taxxa fuq dokumenti u trasferimenti li jkun ġie hekk meħlus għandu jiġi pagabbli lill-Kummissarju minnufih.

(3) Il-persuna li tkun akkwistat il-proprjetà fiż-żmien li jkun ingħata l-ħelsien mit-taxxa fuq l-income u mit-taxxa fuq dokumenti u trasferimenti għandha tkun responsabbli għall-ħlas tal-ammont imsemmi fis-subregola (2).".

Temenda r-regola 7 tar-regoli prinċipali.

7. Fil-verżjoni bl-Ingliż tar-regola 7 tar-regoli prinċipali, il-kliem "payable the first" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "payable on the first".

Temenda r-regola 11 tar-regoli prinċipali.

8. Ir-regola 11 tar-regoli prinċipali għanda tiġi emendata kif ġej:

(a) fis-subregola (1) tagħha, il-kliem "l-approvazzjoni tal-iżvilupp:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-approvazzjoni tal-iżvilupp, iżda mhux wara d-data meta l-proprjetà terġa' tiġi trasferita *inter vivos* jew *causa mortis*:";

(b) fis-subregola (2) tagħha, il-kliem "jekk ikun ksur ta' xi kondizzjoni imposta mill-awtorità kompetenti għall-approvazzjoni tal-iżvilupp, il-ħelsien mit-taxxa fuq dokumenti u trasferimenti fuq l-imsemmi trasferiment għandu jiintilef"

għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jekk ikun hemm ksur ta' xi kondizzjoni imposta mill-awtorità kompetenti għall-approvazzjoni tal-iżvilupp, il-ħelsien mit-taxxa fuq dokumenti u trasferimenti fuq l-imsemmi trasferiment għandu jintilef"; u

(ċ) is-subregola (3) tagħha għandha tiġi sostitwita bis-subregola ġdida li ġejja:

"(3) Il-persuna li tkun proprjetarja tal-proprjetà fiżżmien meta kienet tingħata l-approvazzjoni tal-iżvilupp għandha tkun responsabbli għall-ħlas tal-ammont imsemmi fis-subregola (2).".

Temenda r-regola 13 tar-regoli prinċipali.

9. Fis-subregola (2) tar-regola 13 tar-regoli prinċipali, il-kliem "imsemmi fis-subregola (1)." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "imsemmi fis-subregola (1):" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda n-nutar li jippubblika xi att tat-trasferiment bħal dak ma għandux ikun responsabbli għal xi taxxa li ma tkunx ġiet ħekk miġbura minħabba l-imsemmi nuqqas jew ksur fuq xi att sussegwenti u l-parti l-oħra fuq l-att ma għandhiex tkun responsabbli għal xi ksur bħal dak mill-imsemmija persuna u tkun tistaħ tibbenefika mill-imsemmija eżenzjonijiet mogħtija taħt din ir-regola.".

Iżżid regoli ġodda mar-regoli prinċipali.

10. Minnufih wara r-regoli 13 tar-regoli prinċipali għandhom jiżdiedu r-regoli ġodda li ġejjin:

"Trasferimenti fi ħdan grupp ta' kumpaniji.

14. Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regoli, meta trasferiment ta' proprjetà li tapplika għalih ir-regola 4, 5 jew 8 isir lil kumpanija, u dik il-kumpanija mbagħad tittrasferixxi l-proprjetà lil kumpanija oħra permezz ta' trasferiment li jiġi meħlus mit-taxxa fuq l-income u mit-taxxa fuq dokumenti u trasferimenti skont l-artikoli 5(9) u 5A(4)(f) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* u l-artikolu 32(6) tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-kondizzjoni msemmija fis-subregola (1) tar-regola 6 jew il-kondizzjonijiet imsemmija fis-subregoli (1) u (2) tar-regola 11, skont ma jkun il-każ, għandhom ikomplu japplikaw daqslikieku dan l-aħħar trasferiment ma sarx, u fil-każ ta' ksur b'kull mod li jkun ta' xi waħda mill-kondizzjonijiet applikabbli, iż-żewġ kumpaniji għandhom ikunu responsabbli *in solidum* għall-ħlas tal-ammont imsemmi fis-subregola (2) tar-regola 6 jew fis-subregola (2) tar-regola 11, skont ma jkun il-każ.

Kap.123.
Kap. 364.

L-Awtorità tal-Ippjanar għandha tinforma lill-Kummissarju meta jinħareġ permess.

15. (1) Il-Kummissarju għandu jinforma lill-Awtorità tal-Ippjanar b'kull trasferiment ta' proprjetà li fuqu tkun ġiet meħlusa t-taxxa fuq l-income u, jew it-taxxa fuq id-dokumenti u trasferimenti skont ir-regola 3, u l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-Awtorità tal-Ippjanar b'kull approvazzjoni ta' żvilupp li hija toħroġ skont ir-regola 9.

(2) L-Awtorità tal-Ippjanar għandha tinforma lill-Kummissarju kull meta hija toħroġ permess għad-demolizzjoni ta' proprjetà li dwarha tkun irċeviet informazzjoni kif provdut fis-subregola (1) jew għal xogħlijiet li jinvolvu alterazzjonijiet strutturali jew żidiet li b'riżultat tagħhom dik il-proprjetà tista' tinqasam f'unitajiet trasferibbli iżjed min-numru ta' unitajiet trasferibbli li kienu jikkostitwixxu l-proprjetà fiż-żmien tat-trasferiment jew iżjed min-numru ta' unitajiet trasferibbli inklużi fl-iżvilupp approvat, skont ma jkun il-każ.

Ħlas ta' ammont li jiġi dovut skont ir-regola 6 jew ir-regola 11.

16. (1) Kull ammont li jkun irid jitħallas lill-Kummissarju minħabba ksur ta' xi kondizzjoni kif provdut fir-regola 6 jew ir-regola 11 għandu jitqies bħala ammont li kien dovut mill-persuna responsabbli għall-ħlas tiegħu skont l-imsemmija regoli fid-data meta l-kondizzjoni in kwistjoni inkisret u għandu jitħallas minnufih fuq talba tal-Kummissarju bl-imgħax li jgħaddi mill-imsemmija data bir-rata stabbilita skont ir-Regoli dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Rata ta' Mgħax).

L.S. 372.28.

(2) Is-subregola (1) għandha tkun mingħajr ħsara għal kull responsabbiltà ulterjuri li toħroġ skont kwalunkwe dispożizzjoni tal-Atti dwar it-Taxxa fuq l-Income u l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti b'rabta mat-trasferiment tal-proprjetà in kwistjoni, b'dana iżda li l-ksur ta' kondizzjoni imposta fl-imsemmija regoli 6 u 11 ma għandux, minnu nnifsu, jitqies li jagħti lok għal responsabbiltà ulterjuri bħal din.".

Kap. 364.